# Stħarriġ Annwali indipendenti dwar it-Tkabbir 2013

# ECLM-IMK-OFCE

## *Sinteżi*

Erba' snin wara l-bidu tar-reċesssjoni l-kbira, iż-żona euro għadha fi kriżi. Il-PDG u l-PDG *per capita* huma taħt il-livelli rispettivi tagħhom qabel il-kriżi. Ir-rata tal-qgħad laħqet livell rekord storiku ta' 11.6 % tal-forza tax-xogħol f'Settembru 2012, ir-rifless l-aktar drammatiku tad-disperazzjoni soċjali dejjiema li pproduċiet ir-reċessjoni l-kbira. Is-sostenibilità tad-dejn pubbliku hija għajn ta' tħassib kbir għall-gvernijiet nazzjonali, għall-Kummissjoni Ewropea u għas-swieq finanzjarji, iżda l-programmi ta' konsolidament konsekuttivi u ta' portata kbira rriżultaw inkapaċi li jittrattaw din il-problema. Sal-lum, l-affermazzjoni li l-awsterità kienet l-unika strateġija possibbli biex noħorġu minn dan l-isqaq ma jinfidx kienet il-pedament tal-messaġġ tad-deċiżuri politiċi liċ-ċittadini Ewropej. Din l-istqarrija hija però bbażata fuq dijanjożi fallaċi skont liema l-kriżi tinbet mil-laxkezza fiskali tal-Istati Membri. Għaż-żona tal-euro fit-totalità tagħha, il-politika fiskali ma tirrappreżentax l-oriġini tal-problema. Il-livelli ogħla ta' defiċits u dejn kienu reazzjoni neċessarja tal-gvernijiet quddiem l-agħar reċessjoni mit-Tieni Gwerra Dinjija. Ir-risposta fiskali kienet effikaċi f'dawn iż-żewġ aspetti: waqqfet il-proċess ta' reċessjoni u taffiet il-kriżi finanzjarja. Bħala konsegwenza ta' dan, issarrfet f'żieda qawwija tad-dejn pubbliku tal-pajjiżi kollha taż-żona euro.

Fi żminijiet normali, is-sostenibilità tad-dejn pubbliku hija kwistjoni fit-tul filwaqt li l-qgħad u t-tkabbir huma temi ta' terminu qasir. Madankollu, fil-biża' ta' ipoteżi ta' qabża imminenti tar-rati tal-imgħax u limitati mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, minkejja li ma tlestietx it-tranżizzjoni għal żminijiet aktar normali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea qalbu l-prijoritajiet. Din l-għażla tirrifletti parzjalment in-nases ferm magħrufin fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM). Iżda tirrifletti wkoll viżjoni dogmatika li fiha l-politika fiskali mhijiex kapaċi tiġġestixxi d-domanda u l-ambitu tal-amministrazzjonijiet pubbliċi għandu jixxekkel u jiġi limitat. Din l-ideoloġija wasslet biex l-Istati Membri implimentaw awsterità fiskali qawwija fi żminijiet diffiċli.

Kif jidher ċar issa, din l-istrateġija għandha ħafna difetti. Il-pajjiżi taż-żona euro u speċjalment il-pajjiżi tal-Ewropa t'isfel wettqu konsolidament imfassal ħażin u għaġġieli. Il-miżuri ta' awsterità laħqu dimensjoni li qatt ma kienet osservata fl-istorja tal-politika fiskali. Il-bidla kumulattiva fil-pożizzjoni fiskali għall-Greċja mill-2010 sal-2012 tammonta għal

18-il punt tal-PDG. Għall-Portugall, Spanja u l-Italja, din iċ-ċifra laħqet 7.5, 6.5 u 4.8 punti tal-PDG rispettivament. Il-konsolidament malajr sar sinkronizzat, li wassal għal riperkussjonijiet negattivi għaż-żona euro kollha, biex b'hekk ġew amplifikati l-effetti immedjati tiegħu. It-tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku, min-naħa tiegħu, irendi dejjem anqas probabbli s-sostenibilità tad-dejn pubbliku. B'hekk l-awsterità wriet ruħha kontroproduċenti b'mod ċar billi t-triq tat-tnaqqis tad-defiċits pubbliċi, s'issa, kienet deludenti bil-kbir f'dak li għandu x'jaqsam mal-objettivi inizjali stabbiliti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

Mir-rebbiegħa tal-2011 il-qgħad fl-UE-27 u fiż-żona euro beda jiżdied malajr u fis-sena li għaddiet biss laqat 2 miljun ruħ oħra. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ ukoll żdied drastikament matul il-kriżi. Fit-tieni trimestru tal-2012, 9.2 miljun żagħżugħ fl-età bejn 15 u 29 sena kienu qiegħda, ċifra li tikkorrispondi għal 17.7 fil-mija tal-forza tax-xogħol ta' din il-faxxa ta' età u tirrappreżenta 36.7 fil-mija tal-persuni qiegħda kollha fl-UE-27. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ żdied b'mod iżjed drastiku milli jekk imqabbel mar-rata kumplessiva tal-qgħad fl-UE. Fil-każ ta' ħaddiema bi ftit kwalifiki, l-istess tendenzi huma osservati. L-esperjenza tal-imgħoddi wriet biċ-ċar li ladarba l-qgħad jilħaq livell għoli, it-tendenza hija li jibqa' għoli fis-snin ta' wara. Dan il-fenomenu huwa magħruf bħala persistenza. Flimkien maż-żieda fil-qgħad, l-ewwel sintomi tal-persistenza tal-fenomenu fis-snin li ġejjin diġà jidhru. Fit-tieni trimestru tal-2012, kważi 11-il miljun ruħ fl-UE kienu ilhom qiegħda sena jew aktar. Fl-aħħar sena, il-qgħad fit-tul laqat 1.4 miljun ruħ oħra fl-UE-27 u 1.2 miljun ruħ fiż-żona euro.

Il-konsegwenza tal-qgħad fit-tul kienet li d-daqs reali tal-forza tax-xogħol naqas, li finalment jista' jissarraf f'livell strutturali ogħla ta' qgħad. Dan se jagħmilha aktar diffiċli li jiġu ġġenerati tkabbir u finanzi pubbliċi sodi fi ħdan l-UE fuq żmien medju. Barra mill-effetti fuq il-potenzjal ta' tkabbir u fuq il-finanzi pubbliċi, il-qgħad fit-tul jaf jikkawża żieda fil-faqar, billi l-benefiċċji għall-qgħad se jieqfu aktar kmieni milli mistenni. Għalhekk il-qgħad fit-tul jista' wkoll isir problema soċjali kbira għas-soċjetà Ewropea. Fid-dawl tat-tbassir tagħna dwar il-qgħad fl-UE u fiż-żona euro, l-istimi tagħna juru li l-qgħad fit-tul jista' jilħaq it-12-il miljun fl-UE u d-9 miljuni fiż-żona euro fi tmiem l-2013.

L-aspett sorprendenti huwa l-fatt li l-konsegwenzi ta' konsolidament imfassal ħażin setgħu u kellhom ikunu mistennija. Minflok, ġew sottovalutati bil-kbir. Ġie traskurat l-għadd dejjem ikbar ta' provi teoriċi u empiriċi li, skont dawn, id-daqs tal-multiplikaturi fiskali jitkabbar f'sitwazzjoni ta' fraġilità. Konkretament, filwaqt li fi żminijiet normali (jiġifieri meta d-differenza bejn il-prodott effettiv u dak potenzjali hija viċin iż-żero) tnaqqis ta' punt wieħed tal-PDG tad-defiċit strutturali jnaqqas l-attività b'rata li tvarja bejn 0.5 sa 1 % (dan huwa l-

multiplikatur fiskali), tali effett jaqbeż il-1.5 % fi żminijiet diffiċli u saħansitra jista' jilħaq it-2 % meta l-klima ekonomika tinsab f'depressjoni qawwija. L-elementi kollha (reċessjoni, politika monetarja b'rata żero, l-ebda żvalutazzjoni kompensatorja, awsterità fost is-sħab kummerċjali ewlenin) magħrufa li jiġġeneraw multiplikaturi ogħla min-normal kienu preżenti fiż-żona euro.

L-irkupru osservat minn tmiem l-2009 ġie interrott. Iż-żona euro daħlet f'reċessjoni ġdida fit-tielet trimestru tal-2011 u s-sitwazzjoni mhijiex mistennija li tmur għall-aħjar: it-tbassir dwar il-PDG jindika tnaqqis ta' 0.4 % fl-2012 u ieħor ta' 0.3 % fl-2013. L-Italja, Spanja, il-Portugall u l-Greċja jidhru qed jaqgħu f'depressjoni bla tmiem. Il-qgħad laħaq livelli rekord fiż-żona euro u speċjalment fi Spanja, il-Greċja, il-Portugall u l-Irlanda. Il-fiduċja tal-familji, tal-kumpaniji mhux finanzjarji u tas-swieq finanzjarji għal darb'oħra kkrollat. Ir-rati tal-imgħax ma tbaxxewx, u l-gvernijiet tal-pajjiżi tan-Nofsinhar għadhom iħabbtu wiċċhom ma' primjum għar-riskju insostenibbli fuq ir-rati tal-imgħax, minkejja xi inizjattivi strateġiċi, filwaqt li l-Ġermanja, l-Awstrija jew Franza jgawdu minn rati tal-imgħax storikament baxxi.

Pjuttost milli tingħata attenzjoni lid-defiċits pubbliċi, jeħtieġ li tiġi ttrattata l-kawża sottostanti tal-kriżi. Iż-żona euro qabel kollox sofriet minn kriżi tal-bilanċ tal-pagamenti minħabba l-akkumulu ta' żbilanċi attwali fil-kontijiet bejn il-membri tagħha. Fil-mument meta eżawrew il-flussi finanzjarji neċessarji għall-finanzjament ta' dawn l-iżbilanċi, il-kriżi li ggranfatna ħadet il-forma ta' kriżi fil-likwidità. Imisshom saru tentattivi biex jiġu aġġustati l-pagi u l-prezzijiet nominali b'mod ekwilibrat, billi tinżamm minima l-ħsara għad-domanda, għall-produzzjoni u għall-impjiegi. Minflok ippruvajna nsalvaw bis-saħħa ta' awsterità ġeneralizzata, u d-domanda, il-pagi u l-prezzijiet tnaqqsu billi għola l-qgħad.

Anki jekk ċerti miżuri ta' konsolidament fiskali kienu kważi ċertament parti neċessarja ta' strateġija ta' riekwilibriju intiża li trażżan l-eċċessi tal-imgħoddi ta' ċerti pajjiżi, kien essenzjali li l-pajjiżi b'surplus kbir, speċjalment il-Ġermanja, jieħdu azzjonijiet simmetriċi biex jistimolaw id-domanda u jiżguraw żieda b'ritmu aktar mgħaġġel tal-pagi u tal-prezzijiet nominali. Il-piż tal-aġġustament, minflok, kien impost fuq il-pajjiżi f'defiċit. Sar xi progress fir-riżoluzzjoni tal-iżbilanċi kompetittivi, imma dan qam flejjes kbar. Il-pajjiżi f'surplus ma żgurawx risposta ekwilibrata, u dan il-fattur qiegħed iżid is-surplus kummerċjali kumplessiv taż-żona euro. Huwa improbabbli li din tkun soluzzjoni sostenibbli inkwantu tgħaddi l-piż tal-aġġustament għal fuq il-pajjiżi li ma jagħmlux parti miż-żona euro u se tikkawża kontroazzjonijiet.

Il-bżonn ta' dibattitu pubbliku dwar kwisjonijiet tant vitali huwa pressanti. Id-deċiżuri politiċi injoraw bil-kbir il-vuċijiet dissenzjenti, anki meta dawn saru aktar qawwijin. Id-deċiżjonijiet dwar l-istrateġija makroekonomika attwali għaż-żona euro ma għandhomx jittieħdu esklużivament mill-Kummissjoni Ewropea f'dan il-mument preċiż, billi l-qafas fiskali l-ġdid tal-UE jħalli lill-pajjiżi taż-żona euro ċerta libertà ta' azzjoni. L-ewwel nett, il-pajjiżi jistgħu jinvokaw ċirkostanzi eċċezzjonali meta jinsabu quddiem "*avveniment mhux normali barra l-kontroll tal-Istat Membru konċernat u li għandu impatt maġġuri fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-gvern ġenerali, jew meta jirriżulta minn reċessjoni ekonomika severa kif stabbilit mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (...)*". It-tieni nett, it-triq ta' konsolidament tista' titħaffef għal dawk il-pajjiżi b'defiċits eċċessivi, billi huwa affermat li "*fir-rakkomandazzjoni tiegħu, il-Kunsill għandu jitlob li l-Istat Membru jilħaq l-objettivi baġitarji annwali li, abbażi tat-tbassir li jirfed ir-rakkomandazzjoni, huma konsistenti ma' titjib annwali minimu ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG bħala punt ta' referenza, fil-bilanċ nett aġġustat ċiklikament tiegħu minn miżura ta' darba u miżuri temporanji, sabiex jiżgura l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fi żmien l-iskadenza stabbilita fir-rakkomandazzjoni*". Din hija ċertament kundizzjoni minima iżda tista' titqies suffiċjenti biex jinġieb lura l-proporzjon tad-defiċit għall-PDG viċin it-3 % u l-proporzjon tad-dejn għall-PDG viċin is-60 %.

Għaldaqstant hija meħtieġa strateġija alternattiva msejsa fuq erba' punti:

**L-ewwel nett**, jeħtieġ li l-konsolidament fiskali jiddewwem u jinfirex fir-rispett tar-regoli fiskali attwali tal-UE. Minflok miżuri ta' awsterità ta' madwar EUR 130 biljun għaż-żona euro kollha kemm hi, konsolidament fiskali aktar ekwilibrat ta' 0.5 punti tal-PDG, skont it-trattati u l-patt fiskali, jista' jagħti marġni konkret ta' manuvra ta' iktar minn EUR 85 biljun għall-2013 biss. Dan l-ammont ikun f'kuntrast b'mod sostanzjali mal-wegħdiet tal-Kunsilli Ewropej ta' Ġunju u Ottubru 2012 li se jallokaw EUR 120 biljun (li għadhom mhux ibbaġitjati) sal-2020 fl-ambitu tal-Patt għall-Impjiegi u t-Tkabbir. Jekk it-triq tal-konsolidament tiddewwem u tiġi limitata, it-tkabbir medju għaż-żona euro bejn l-2013 u l-2017 jista' jitjieb b'0.7 punti fis-sena.

**It-tieni nett**, jeħtieġ li l-BĊE jaġixxi totalment bħala mutwanti tal-aħħar istanza għall-pajjiżi taż-żona euro bil-għan li l-Istati Membri jiġu liberati mill-pressjoni tal-paniku li ġejja mis-swieq finanzjarji. Biex dan il-paniku jieqaf, l-UE jeħtiġilha jkollha pjan kredibbili u ċar għall-kredituri tagħha.

**It-tielet nett**, tinħtieġ żieda konsiderevoli fis-self mill-Bank Ewropew tal-Investiment u miżuri oħra (partikolarment l-użu tal-fondi strutturali u tal-bonds għall-finanzjament ta'

proġetti), bil-għan li ssir promozzjoni sinifikanti tal-aġenda tal-Unjoni Ewropea għat-tkabbir. Il-wegħdiet imsemmija hawn fuq għandhom jissarrfu f'investimenti konkreti.

**Ir-raba' nett**, koordinament strett tal-politiki ekonomiċi għandu jimmira għat-tnaqqis tal-iżbilanċi fil-kontijiet attwali. L-aġġustament ma għandux jiddependi biss mill-pajjiżi b'defiċit. Il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi għandhom ukoll jieħdu miżuri biex inaqqsu s-surplus tagħhom.